MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2007

Numru. 744/2006

**Il-Pulizija**
**Supretendent Antonello Grech**

**vs**

**JANE REFALO mart Michael u bint George Mizzi u Mary Anne nee' Grech, imwielda fl-erbatax ta' Frar 1965 u residenti 'Flora Mater', Triq Santa Duminka, Rabat, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita numru 8065G.**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputata **JANE REFALO** mart Michael u bint George Mizzi u Mary Anne nee' Grech, imwielda fl-

erbatax ta' Frar 1965 u residenti 'Flora Mater', Triq Santa Duminka, Rabat, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita numru 8065G giet imressqa quddiemha w akkuzata talli fil-hamsa w ghoxrin ta' Settembru 2006 ghal habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar u fix-xahrejn ta' qabel f'diversi okkazzjonijiet, fir-Rabat, Ghawdex, bhala l-persuna li ghandha l-kustodja ta' uliedha minuri Nathaniel Rafalo (data tat-twelid 10/12/94) u Maria Refalo (data tat-twelid 15/04/97), naqset li taghti access ta' dawn iz-zewg uliedha lil zewgha Doctor Michael Refalo MD skond kif hi ordnata li taghmel b'Digriet Numru 27/2006 moghti fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni tal-Familja mill-Magistrat Dottor Paul Coppini LL.D. nhar it-tmienja w ghoxrin [28] ta' Lulju 2006.

Rat d-diversi affidavits esibiti mill-ufficjal prosekutur kif wkoll l-okkorrenzi relattivi mehuda minn varji ufficjali tal-pulizija.

Semghet lil Doctor Michael Refalo jixhed u jikkonferma d-diversi granet meta martu l-imputata cahditlu l-access t'uliedu minuri.

Rat s-sentenza esibita minnu, sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali datata tnejn w ghoxrin ta' Dicembru 2006 moghtija fl-ismijiet premessi fejn l-imputata kienet instabet hatja ta' din l-istess akkuza ai termini tal-artikolu 338 [ll] tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta gfhal perjodu ta' tlett xhur qabel t-tnejn w ghoxrin ta' Awissu 2006.

Semghet lil imputata tghid li nonostante d-digriet tal-Qorti, l-access ghadu sa llum mhux qed tobdih u li kien veru li kien hemm numru ta' granet meta ma tatx access lil zewgha ghaliex fil-fehma taghha zwgha huwa ta' ezempju hazin ghal uliedha minhabba *domestic violence*.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti **il-Qorti** tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-perjodu antecedenti ghat-tlieta w ghoxrin ta' Awissu 2006 peress li gie trattat fis-sentenza esibita mill-

kwerelant stess u b'hekk qed tilqa l-eccezzjoni ta' *res iudicata* in parte [u cioe ghal dak l-perjodu msemmi fis-sentenza fuq imsemmija] sollevata mid-difiza, pero wara li rat l-artikolu 338[ll] tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li l-imputata JANE REFALO m'obdietx l-ordni tal-Qorti ghal perjodu mit-tlieta w ghoxrin ta' Awissu 2006 sal-hamsa w ghoxrin ta' Settembru 2006 u ma tatx access lil zewgha minghajr raguni xierqa w ghalhekk issibha hatja u tikkundannha ghal perjodu ta' tlett [3] gimghat prigunerija mill-lum**.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------